MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 665/2014

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Justin Mifsud**
**ID. 100790M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Settembru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet ill 'l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici 's-somma ta' seba' mija u erbghin u disghin ewro u erbghin centezmu (€794.40) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40154473 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Simone Wrightman ghas-socjeta' attrici li fil-25 ta’ Marzu, 2015 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ seba’ mija u erbghin u disghin ewro u erbghin centezmu (€794.40) ghadu dovut.

It-Tribunal ra ‘lli ma giet ipprezentata ebda risposta.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' seba’ mija u erbghin u disghin ewro u erbghin centezmu (€794.40) liema ammont jithallas b’rati mensili ta’ hamsin ewro (€50) fix-xahar. L-ewwel pagament ikun fit-30 ta’ April, 2015.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------